# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR SIMONE GRECH
## B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR LAW)

Rikors Guramentat Numru: 45/2023SG

Roswell Teuma
Mario Teuma

vs

Direttur tar-Reġistru Pubbliku

**Illum il-Ħamis, 28 ta' Settembru 2023**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fl-24 ta' April 2023 fejn ġie premess u mitlub is-segwenti:

*"Illi l-esponenti Roswell Teuma u Mario Teuma huma aħwa;*

*Illi Roswell Teuma twieled nhar l-għaxra (10) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (1993) u l-att tat-twelid tiegħu ġie rreġistrat bin-numru progressiv tlett mija disgħa u erbgħin tas- sena elf disa' mija tlieta u disgħin (349/1993) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument A;*

*Illi fuq l-istess att tat-twelid ta' Roswell Teuma u taħt il-kolonna 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' ġew imniżżlin il-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Thewma (Sannat*

*(Għawdex) Malta) u taħt l-aħħar kolonna 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' ġew imniżżlin il-kliem 'Mary Thewma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta);*

*Illi b'żieda ma' dan, Mario Teuma twieled nhar it-tmienja (8) ta' Mejju tas-sena elfejn u tnejn (2002) u l-att tat-twelid tiegħu ġie rreġistrat bin-numru progressiv mija u tnax tas-sena elfejn u tnejn (112/2002) liema att tat-twelid qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument B;*

*Illi fuq l-att tat-twelid ta' Mario Teuma u taħt il-kolonna 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' ġew imniżżlin il-kliem 'Teddie Tewma (Sannat (Għawdex) Malta) u taħt l-aħħar kolonna 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' ġew imniżżlin il-kliem 'Mary Thewma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta);*

*Illi għalhekk mill-atti tat-twelid tal-aħwa Teuma jirriżulta illi saret skorrettezza fil-kunjom 'Teuma' u dana għaliex fl-att tat-twelid ta' Roswell Teuma il-kunjom taħt il-ħames u s-sitt kolonna ġie mniżżel bħala 'Thewma' u fl-att tat-twelid ta' Mario Teuma il-kunjom taħt il-ħames kolonna u cioe' fil-kolonna tal-missier il-kunjom inkiteb bħala 'Tewma' u fis-sitt kolonna ġie mniżżel bħala 'Thewma' meta fil-verita' ried jiġi 'Teuma';*

*Illi dina hija skorretezza ċara illi saret fiż-żewġ atti tat-twelid u dana għaliex kunjom ir-rikorrenti huwa dak ta' 'Teuma' u mhux 'Thewma' jew 'Tewma' kif ġie mniżżel skorrettament fl-atti tat- twelid tagħhom u fejn f'att minnhom anqas jaqbel l-istess kunjom!;*

*Illi kunjom il-familja huwa dak ta' 'Teuma' u dana jirriżulta korretament mil-att tat-twelid ta' missier l-atturi li jġib in-numru progressiv sitt mija tnejn u tletin tas-sena elf disa' mija disgħa u ħamsin (632/1959) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument Ċ;*
*Illi l-kunjom korrett u cioe' dak ta' 'Teuma' jirriżulta wkoll mill-att taż-żwieġ tal-ġenituri tal-aħwa Teuma li ġie rreġistrat bin-numru progressiv mija disgħa u erbgħin tas-sena elf disa' mija tlieta u tmenin (149/1983) u li qiegħed jiġi hawn anness u mmarkat bħala Dokument D;*

*Illi minn dawn id-dokumenti provduti għalhekk huwa evidenti li dawn huma skorrettezzi cari pero' li qegħdin iwasslu għall-inkonvenjent għar-rikorrenti fil-ħajja ta' kuljum u anke ġewwa l-familja stess stante illi kunjom wieħed ma jaqbilx ma' tal-ieħor;*

*Illi dina l-proċedura qiegħda ssir ai termini tal Artikoli 253 et seq tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant, l-atturi umilment jitolbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:*

1. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Roswell Teuma li jġib in-numru ta' iskrizzjoni tlett mija disgħa u erbgħin tas-sena elf disa' mija tlieta u disgħin (349/1993) billi taħt iż-żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur', il-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Thewma (Sannat (Għawdex) Malta)' u 'Mary Thewma at birth Micallef*

*(Għarb (Għawdex) Malta)' jiġu sostitwiti bil-kliem Guda Taddew sive Teddie Teuma (Sannat (Għawdex) Malta) fil-ħames kolonna u 'Mary Teuma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta) fis-sitt kolonna sabiex b'hekk il-kunjom jiġi jaqra 'Teuma' u mhux 'Thewma';*

2. *Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Mario Teuma li jġib in-numru ta' iskrizzjoni mija u tnax tas-sena elfejn u tnejn (112/2002) billi taħt iż-żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur', il-kliem 'Teddie Tewma (Sannat (Għawdex) Malta)' u 'Mary Thewma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta)' jiġu sostitwiti bil-kliem Teddie Teuma (Sannat (Għawdex) Malta) fil-ħames kolonna u Mary Teuma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta) fis-sitt kolonna sabiex b'hekk il-kunjom jiġi jaqra 'Teuma' u mhux 'Tewma' jew 'Thewma';*

3. *Tordna l-istess korrezzjonijiet għandhom jsiru mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u dana ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimat Direttur tar-Reġistru Pubbliku u bl-inġunzjoni għas-subizzjoni ilil għaliha minn issa int nġunt."*

Rat ir-risposta tad-Direttur Reġistru Pubbliku għal Għawdex ippreżentata fis-17 ta' Mejju 2023 fejn ġie eċċepit:

1. *Illi in limine litis huwa meħtieġ li b'ordni tal-Qorti, ta' lanqas ħmistax il-ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern a tenur tal- Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *Illi bla preġudizzju għas-suespost, l-esponent jirrileva li l-korrezzjonijiet mitluba mir- rikorrenti taħt il-parametri msemmija fl-Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, tagħti l-fakulta sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq <u>l-</u>Att tat-<u>Twelid</u> rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa b'isem ieħor, <u>u</u> mhux b'kunjom <u>ieħor.</u> Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni tagħhom sabiex ibiddlu l-<u>kunjom</u> tagħhom u mhux isimhom minn fuq l-Att tat-Twelid;*

3. *Illi l-kunjom 'Teuma' huwa il-kunjom li jappartjeni lill-familja paterna tar-rikorrenti u dana għaliex skont is-segwenti dokumenti l-kunjom tal-familja huwa effettivament 'Teuma':*

   (i) *L-Att tat-Twelid ta' Clemenzio Teuma, in-nannu patern tar-rikorrenti, bin-numru progressiv 26 tas-sena 1933, isem missieru (cioe' l-bużnannu tar-rikorrenti) ġie mniżżel bħala 'Emmanuele TEUMA' - Dok. DRP 1;*

*(ii) L-Att tat-Twelid ta' Emmanuele Teuma, il-bużnannu patern tar-rikorrenti, bin- numru progressiv 426 tas-sena 1910, isem missieru (cioe' l-bużbużnannu tar- rikorrenti) ġie mniżżel bħala 'Carlo TEUMA' - Dok. DRP 2;*

4. *Illi missier ir-rikorrenti permezz ta' Rikors Ġuramentat bin-numru progressiv 90 tas-sena 2019 quddiem din l-Onorabbli Qorti, kien għamel numru ta' talbiet li ġew milqugħin, fosthom insibu:*

   *(i) L-Att tat-Twelid ta' Teddie Teuma, missier ir-rikorrenti, bin-numru progressiv 632 tas-sena 1959, ġie ordnat jiġi kkoreġut billi fil-kolonna 'kunjom li bih it-tarbija għandha tiġi msejħa' u l-kunjom tal-missier u l-omm il-kliem 'TEWMA' ġew sostitwiti bil-kunjom 'TEUMA' - Dok. DRP 3;*

   *(ii) L-Att taż-żwieġ ta' Teddie Teuma u Mary Teuma, il-ġenituri tar-rikorrenti, bin- numru progressiv 149 tas-sena 1983, ġie ordnat billi fil-kolonna 'ir-raġel miżżewweġ u l-ġenituri tal-miżżewġin' il-kunjom 'TEWMA' għandu jiġi sostitwit bil-kunjom 'TEUMA' - Dok. DRP 4;*

5. *Illi in vista tas-suespost l-esponenti mhux joġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrenti fejn qed jitolbu li ssir korrezzjoni bil-kunjom jinbidel minn 'THEWMA' jew 'TEWMA' għal 'TEUMA';*

6. *Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal- kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors guramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfacenti f'għajnejn il-liġi;*

7. *Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l- azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoggettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;*

8. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.*

Rat id-dokumenti kollha ppreżentati.

Rat in-nota bl-affidavits annessi.

Rat l-atti kollha.

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi mill-provi mressqa jirriżulta li l-kunjom korrett tal-familja tar-rikorrenti huwa dak ta' "Teuma" u mhux ta' "Thewma" hekk kif ġie mniżżel fiċ-ċertifikat tat-twelid rispettiv tal-partijiet. Il-Qorti qieset li fl-att ta' twelid ta' Clemenzio Teuma u f' dak ta' Emmanuele Teuma, il-kunjom ġie indikat bħala "Teuma" mentri fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrenti u fl-att taż-żwieġ tal-ġenituri tar-rikorrenti, għal xi raġuni, il-kunjom ġie indikat b' mod differenti bil-konsegwenza li sussegwentement ittieħdu proċeduri legali biex il-kunjom jiġi imniżżel bħala "Teuma". Rat li fil-ħames eċċezzjoni tiegħu, id-Direttur intimat ddikjara li mhux joġġezzjona għat-talbiet tar-rikorrenti fejn qed jitolbu li ssir korrezzjoni bil-kunjom jinbidel minn 'Thewma' jew 'Tewma" għal 'Teuma".

Mill-fatti li għandha quddiemha din il-Qorti, ma jirrizultax li t-talba tar-rikorrenti ġiet vantata kapriċċożament. Huwa minnu li l-korrezzjoni ta' kunjom hija imprekattiva legalment għax tista' ssir biss jekk jirriżulta li kien hemm żball f'dak il-kunjom kif reġistrat. In fatti, il-Qorti ta' l-Appell, fis-sentenza tagħha fl-ismijiet John Zammit magħruf bħala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Reġistru Pubbliku, deċiża fit-2 ta' Marzu, 1994 ikkonkludiet illi:

*"… Ghal din it-talba d-Direttur tar-Registru Pubbliku ma oggezzjonax u fil-fatt inghata digriet f'dan is-sens. Din il-korrezzjoni hija ferm importanti biex dak li jitlob l-attur jista' jigi milqugh, stante illi b'dan l-Att tat-Twelid tieghu m'huwiex se jigi korrett u b'hekk kwalunkwe dritt jew pretenzjoni li ghandhom terzi persuni zgur se jkunu mharsin. Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma' certu ndividwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak lindividwu b'mod kemm jista' jkun komplet, u kien proprju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, il-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti nfatti qalet hekk:- "Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicato".*

Madanakollu, fil-każ odjern, irriżulta li l-kunjom huwa in fatti Teuma iżda għal xi raġuni, fl-atti tat-twelid mertu ta' din il-kawża, dan il-kunjom ġie indikat b' mod żbaljat. Illi in vista' tas-suespost jirriżulta li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu milqugħa iżda bl-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Finalment u in parentesi għandu jiġi sottolinjat li mill-atti proċesswali jirriżulta li d-debita pubblikazzjoni ai termini tal-artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta saret u għalhekk din il-Qorti sejra tastjeni milli tieħu konjizzjoni ulterjuri ta' eċċezzjonijiet imressqa f' dan ir-rigward.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet kollha suesposti il-Qorti tgħaddi sabiex taqta' u tiddeċidi l-kawża odjerna billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u tiċħad dawk l-eċċezzjonijiet ta' l-intimata safejn inkompatibbli ma' din is-sentenza fis-sens li:

(i) Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Roswell Teuma li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 349/1993 billi taħt iż-żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' il-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Thewma (Sannat (Għawdex) Malta)' u Mary Thewma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta' jiġu sostitwiti bil-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Teuma (Sannat (Għawdex) Malta fil-ħames kolonna u 'Mary Teuma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta) fis-sitt kolonna sabiex b' hekk il-kunjom jiġi jaqra 'Teuma' u mhux 'Thewma';

(ii) Tordna l-korrezzjoni tal-att tat-twelid ta' Mario Teuma li jġib in-numru ta' iskrizzjoni 112/2002 billi taħt iż-żewġ kolonni intitolati 'Isem u kunjom inkluż il-kunjom fit-twelid u lok tat-twelid tal-ġenitur' il-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Tewma (Sannat (Għawdex) Malta)' u Mary Thewma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta' jiġu sostitwiti bil-kliem 'Ġuda Taddew sive Teddie Teuma (Sannat (Għawdex) Malta fil-ħames kolonna u 'Mary Teuma at birth Micallef (Għarb (Għawdex) Malta) fis-sitt kolonna sabiex b' hekk il-kunjom jiġi jaqra 'Teuma' u mhux 'Thewma' jew 'Tewma';

(iii) Tordna li d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku jiġi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fiċ-ċirkostanzi l-ispejjeż jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

(ft) Dr. Simone Grech
Maġistrat

(ft) Silvio Xerri
D/Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur